Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,585, 9 ta' Marzu, 2021
Taqsima B

A.L. 80 tal-2021

KODIĊI KRIMINALI
(KAP. 9)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Proċedura Kriminali (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 697 u 701 tal-Kodiċi Kriminali, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Proċedura Kriminali (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Proċedura Kriminali (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 9.09.

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Kif jitħaddem il-mekkaniżmu elettroniku.

3A. (1) Għandu jkun hemm mekkaniżmu elettroniku li permezz tiegħu l-atti ġudizzjarji indikati fl-Iskeda jkunu jistgħu jiġu preżentati *online* fil-qrati msemmija fl-Iskeda.

(2) Dawn ir-regolamenti japplikaw biss għal atti ġudizzjarji indikati fil-mekkaniżmu elettroniku msemmi fis-subregolament (1).

(3) Kull avukat, prosekutur fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u membru fil-Korp tal-Pulizija Ii jkun jixtieq jippreżenta att ġudizzjarju, kif indikat f'dawn ir-regolamenti, fil-qrati kriminali b'mod online jista' jagħmel dan billi jippreżenta l-istess att ġudizzjarju online permezz ta' sit xieraq u jħallas id-dritt preskritt mil-liġi.

Responsabblità tar-reġistratur u meta jitqiesu li ġew ippreżentati l-atti *online*.

3B. (1) Ir-reġistratur jew persuni minnu delegati jistgħu jirċievu l-atti ġudizzjarji kif indikati f'dawn ir-regolamenti, ippreżentati online.

(2) Ir-reġistratur għandu joħroġ kopja tal-atti ġudizzjarji ppreżentati *online* u l-kopja hekk maħruġa mir-reġistratur għandha titqies għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi bħala l-oriġinal.

(3) Atti ġudizzjarji pprezentati *online* għandhom jitqiesu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi daqslikieku ġew ippreżentati direttament fir-reġistru tal-istess qrati:

Iżda meta att ġudizzjarju jiġi ppreżentat online barra mill-ħinijiet tal-ftuh tar-reġistru, dak l-att ġudizzjarju għandu jitqies li ġie ppreżentat fl-ewwel ġurnata li jkun imiss tal-ftuħ tal-istess reġistru.".

Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandħa tizdied l-Iskeda ġdida Ii ġejja:

"**Skeda**
(regolament 3A)

Qrati	**Att Ġudizzjarju**
Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Malta) Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Għawdex)	Rikorsi Risposti Noti Noti ta' sottomissjonijiet
Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja (Malta) Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja (Għawdex)	Rikorsi Risposti Noti Noti ta' sottomissjonijiet Prorogi
Qorti Kriminali	Rikorsi Risposti Nota ta' eċċezzjonijiet Noti ta' sottomissjonijiet Atti ta' Akkuża
Qorti tal-Appelli Kriminali (Inferjuri)	Rikors ta' Appell Rikorsi Risposti Noti Noti ta' sottomissjonijiet
Qorti tal-Appelli Kriminali (Superjuri)	Rikors ta' Appell Rikorsi Risposti Noti Noti ta' sottomissjonijiet